MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2013

Numru. 401/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Said Sarreo**

**vs**

**Kieth Falzon**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Kieth Falzon ta’ 34 sena, iben Desmond u Pauline nee’ Calleja, imwieled il-Pieta’ nhar it-28 ta’ Ottubru 1977 u residenti 16, Bramcote, Fuq il-Gonna, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 543677(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar it-3 ta’ Marzu 2012 gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Haz Zabbar, bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, u cioe lil Alistair Zammit u/jew xi persuni ohra, akkuzat lil dik il-persuna jew persuni quddiem awtorita kompetenti

b'reat, fil-waqt li kien jaf li dik il-persuna jew persuni huma innocenti,

Ghamel denunzja lill-Pulizija Esekuttiva ta' reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu nbdew proceduri kriminali sabiex jizgura li dak ir-reat kien sar.

Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Alistair Zammit u/jew xi persuni ohra, b'mod li kien jaf, jew li kien imissu jkun jaf li b'eghmilu kien ta' fastidju lill-istess persuna/i imsemmija;

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sar ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. M Haymen LL.D, datata 14 ta' Frar 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta' April 2012 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li jirrigwardaw dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-3 ta' Marzu 2012 ghall-habta tas-1.30pm, l-imputat Keith Falzon mar jaghmel rapport[1] l-Ghassa ta' Haz-Zabbar fejn qal li dakinhar stess ghall-habta tas-12.30pm waqt li kien miexi fi Triq Carmelo Ritchie, ix-

[1] Okkorrenza relattiva nserita a fol. 17 sa 19 tal-atti processwali

Xghajra giet vettura minn faccata tieghu li kienet Peugeot 407 ta' kulur silver, waqfet quddiemu, saqet fih, laqtitu, regghat waqfet u mbaghad baqghet sejra. Huwa qal lil Pulizija li s-sewwieq tal-vettura kien tajru apposta u b'vendikazzjoni u indika li n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura kien CBF 315 jew CBV 315 u li s-sewwieq kien bjond, xaghru mqaxxra u kien liebes nuccali u wisq probabbli kien certu wiehed jismu Alistair li fil-passat kellu problemi mieghu u kien hemm anki kaz pendenti l-Qorti, bejniethom.  L-imputat allega li kien qed isofri minn griehi ta' natura hafifa konsistenti fi brix u aktar tard prezenta certifikat mediku rilaxxjat minn Dr Ian Gauci mill-Policlinic ta' Rahal il-Gdid (inserit a fol. 21 tal-atti processwali). Minn ricerka li ghamlet il-Pulizija rrizulta li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBV 315 kienet Peugeot 407 ta' kulur silver u kienet rregistrata fuq certu Alex Zammit. Meta immedjatament wara li sar ir-rapport WPS 156 Sonia Parascandalo[2] marret fir-residenza ta' Zammit sabet il-vettura in kwistjoni fil-garaxx, il-magna kienet kiesha u kellha certu abra fuqha li kienet tindika li kienet ilha ma tintuza u ma kellhiex daqqiet.  Is-Surgent innutat li l-imputat meta mar l-Ghassa la kellu trab fuqu u l-anqas hwejjeg imqattghin.  Alex Zammit informa lil Pulizija li kien jaf lill-imputat u kkonferma li fil-passat kellhom kaz pendenti l-Qorti.  Meta l-Pulizija tkellmet ma' Alistair Zammit irrizulta li fil-hin tal-allegat incident huwa kien ma' habib tieghu ir-Rinella, l-Kalkara.  Alex Zammit qal lil Pulizija li dakinhar il-vettura ma kinitx inharget mill-garaxx.

Meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta' Ottubru 2012 Alistair Zammit qal li dakinhar tal-allegat incident kien ghadda ghalih kmieni wara nofsinhar siehbu Soufiane Samhaoui bil-vettura tieghu tal-marka Hyundai Accent u ta' kulur ahdar u huma l-ewwel marru l-Belt u imbaghad baqghu nezlin il-Kalkara u damu sa xi l-4.30pm fil-hanut 'Frankies'.  Alistair Zammit irrakkonta wkoll li ftit xhur qabel ma sar ir-rapport in dizamina huwa kien ghaddej bil-vettura Peugeot 407 kulur silver minn Corradino u ra lill-imputat jistenna fuq stage tal-linja u dan tal-ahhar beda jharislu bl-ikrah.  Alistair Zammit qal ukoll li

---

[2] Li xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-31.05.2012

meta kien izghar huwa kien jilghab football man-nursery tal-Furjana u l-imputat kien il-coach tieghu u kien inqala' xi inwkiet u l-kaz spicca l-Qorti.

Alex Zammit, missier Alistair Zammit ukoll xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta' Ottubru 2012 fejn ikkonferma li dakinhar li gew ikellmuh il-Pulizija ghall-habta tas-2.00pm u raw il-vettura Peugeot 407 silver din kienet ilha fil-garaxx gurnata shiha u ma kinitx intuzat dakinhar.

Soufiane Samhaoui xehed fl-udjenza tas-26 ta' Ottubru 2012 fejn ikkonferma li fil-gurnata li kelmuh dwarha l-Pulizija huwa kien ghadda ghall-habib tieghu Alistair Zammit kmieni wara nofsinhar bil-vettura tieghu Hyundai Accent hadra.  Huwa ghadda ghalih mid-dar u mbaghad marru lejn il-Belt u l-Kalkara fejn marru f'bar jixorbu.

L-imputat Kieth Falzon ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-1 ta' Marzu 2013 fejn qal li fit-3 ta' Marzu 2012 huwa mar ghand koppja hbieb tieghu li joqoghdu x-Xghajra u meta kien miexi fi Triq Carmel Ritchie fejn hemm xi garaxxijiet f'daqqa wahda ra karozza Peugeot silver li bdiet qisha tirrejzja lejh.  Huwa resaq zewg passi lura u l-vettura laqtitu u huwa mess il-hgieg b'idu u l-vettura dawritu, il-vettura baqghet miexja naqra u waqfet u huwa rnexxielu jiehu n-numru tar-registrazzjoni taghha.  Il-vettura mbaghad telqet 'l hemm u huwa qam minn mal-art, tfarfar u mar ghand il-hbieb tieghu fejn rega' tfarfar u hasel idejh mid-demm u mbaghad mar bil-karozza tal-linja lejn l-Ghassa ta' Haz-Zabbar sabiex jaghmel rapport fejn indika li kien jahseb li s-sewwieq tal-vettura kien Alistair Zammit u fejn huma mbaghad baghtuh jaghmel certifikat mediku u huwa hekk ghamel. L-imputat sostna li meta mar lura l-Ghassa sabiex jikkonsenja c-certifikat il-Pulizija qishom bidlu l-atteggjament lejh u bdew jistaqsuh jekk kienx zgur minn dak li gara u xi gimgha wara baghtu ghalih u bdew jinterrogawh dwar rapport falz.  Fl-istqarrija li rrilaxxja[3] a tempo vergine l-imputat qal li kien jobghod lil Alistair

[3] Inserita a fol. 20 tal-atti processwali

Zammit u li l-inkwiet li kellu f'hajtu gabuhulu kollu Alistair u missieru. L-imputat qal li bid-daqqa dar u waqa' fuq daru izda ma kienx kapaci jispjega l-ghala huwa ma kellux griehi f'daru izda biss f'idu u subghajh. Mistoqsi jispjega kif jekk ghola 360˚ bid-daqqa kif qed jghid hu, kif ma kellux tbengil l-imputat qal li dan kien dovut ghall-fatt li waqa' fuq balla gebel.

Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta l-prova migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz din il-Qorti setghat tikkonstata li tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kunfliggenti fejn min-naha l-wahda l-imputat isostni li fit-3 ta' Marzu 2012 ghall-habta tan-12.30pm huwa gie volontarjament imtajjar minn Alistair Zammit waqt li dan kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni CBV 315 filwaqt li Alistair Zammit u missieru Alex Zammit isostnu li fil-gurnata u hin indikati mill-imputat il-vettura in dizamina kienet fil-garaxx u Alistair Zammit kien il-Kalkara ma shabu. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-verzjoni moghtija minn Alistair u Alex Zammit hija dik li tirrifletti l-verita'. Dan jinghad mhux biss ghaliex Soufiane Samhaoui kkorobora dak li ntqal minn Alistair Zammit u cioe' li huwa kien mieghu bil-vettura ta' Samhaoui il-Belt u l-Kalkara fil-hin tal-allegat incident izda anki ghaliex WPS 156 Sonia Parascandolo li marret fir-residenza ta' Alexander Zammit u Alistair Zammit mhux aktar minn nofs siegha wara li sar ir-rapport minn Flazon sabet il-vettura msemmija fil-garax u bil-magna kiesha u bl-abra ta' trab fejn kollox kien jindika li din il-vettura ma kinitx intuzat fl-ahhar sighat. Alexander Zammit fil-fatt jghid li l-vettura ntuzat l-ahhar, il-gurnata ta' qabel. Din il-Qorti setghat ukoll tinnota li l-griehi hfief ghall-ahhar li kellu l-imputat ma kienux kumpatibbli mal-mod kif huwa ddeskriva li gie mtajjar fejn qal li gie mdawwar 360˚ u mbaghad waqa' mal-art fuq daru. Huwa fil-fatt ma kellu ebda griehi jew tbengil fuq daru. Jirrizulta ghalhekk li r-rapport maghmul fit-3 ta' Marzu 2012 fejn l-imputat qal li gie mtajjar b'mod volontarju mill-vettura CBV 315 tal-marka Peugeot misjuqa minn Alistair Zammit ma kienx veritier.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel zewg imputazzjonijiet l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' kalunja u simulazzjoni ta' reat kontemplati fl-Artikoli 101 u 110(2) tal-Kodici Kriminali rispettivament. Ir-reat ta' kalunja kif previst fl-Artikolu 101 tal-Kodici Kriminali jitratta dwar informazzjoni, rapport jew kwerela kemm jekk maghmula verbalment jew bil-miktub, liema kalunja hija imsejjha bhala verbali u diretta. Dik imbaghad li l-ligi titkellem dwarha fl-artikolu 110(1) hija dwar il-kalunja imsejjha indiretta jew rejali. Il-Professur Mamo ighid: ***"such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority."***

Ghandu jinghad illi mid-dicitura tal-artikolu 101, huwa car li l-unika intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b'dana ir-reat hija illi taghmel hsara lil persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew id-denunzja falza trid tkun tali illi abbazi tal-istess azzjoni kriminali setghet tittiehed jew ittiehdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati.

Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali f'kaz iehor fejn gie deciz li ***"Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel." (Il-Pulizija vs Doreen Zammit – 15/06/2001)***

Ikkunsidrat :

Illi r-reat kontemplat fl-Artikolu 110(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa meqjus fil-gurisprudenza kontinentali bhala

forma ohra ta’ kalunja izda filwaqt li r-reat ta’ kalunja huwa meqjus bhala verbali u dirett il-kalunja kontemplata fl-Artikolu 110(1) hija reali u ndiretta. Il-Professur Mamo jghid hekk fin-noti tieghu dwar dan ir-reat :-

***“The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence.***

***On the other hand, the crime under Section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct “such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnious accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority.”***

Dwar ir-reat ta’ simulazzjoni ta’ reat kontemplat fl-Artikolu 110(2) il-Professur Mamo jghid is-segwenti :-

***“The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact. … <u>This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged</u> … (sottolinjar tal-***

***Qorti). The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. … Finally the <u>denunciation must be made without specifying the supposed offender</u>; otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation."***

Ikkunsidrat:

Illi minn din l-esposizzjoni legali tar-reati li bihom jinsab akkuzat l-imputat johrog bic-car li l-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw ruhhom fir-reat ta' kalunja kontemplat fl-Artikolu 101 izda mhux fir-reati kontemplat fl-Artikoli 110 (1) u (2) u dan ghaliex minn imkien mill-provi ma jirrizulta li saret xi simulazzjoni reali jew indiretta stante li ma jidhirx li l-imputat holoq xi tracci ta' reat jew inkella holoq b'mod qarrieqi provi foloz. Dak li jirrizulta fil-kaz odjern huwa biss 'l hekk imsejjah simulazzjoni verbali jew diretta fejn l-imputat irraporta lil awtorita' kompetenti (u cioe' lil Pulizija) li persuna partikolari u cioe' Alistair Zammit, kien b'mod volontarju prova jikkagunalu griehi ta' natura gravi u dan meta kien jaf ben tajjeb li dan ma kienx minnu. L-imputat sejjer ghalhekk jigi misjub hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu izda mhux tat-tieni (2) mputazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tat-tielet (3) imputazzjoni l-imputat jinsab ukoll akkuzat bir-reat ta' ghoti ta' fastidju kontemplat fl-Artikolu 251A tal-Kodici Kriminali izda l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova fir-rigward ta' din l-imputazzjoni liema mputazzjoni ghalhekk ma tistghax titqies li tirrizulta pruvata.

L-istess haga tinghad ghall-addebitu tar-recidiva fejn il-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduci kopja tas-sentenza

tal-14 ta' Frar 2012 allegatament moghtija fil-konfronti tal-imputat.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat m'ghandux fedina penali li tindika li huwa qabad it-triq tal-kriminalita' u jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja sospiza fil-massimu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 101(1)(a) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax-il (18) xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' erba' (4) snin millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------